**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Jannar 2021**

**ABC**

**Vs**

**Dr. Mark Mifsud Cutajar u l-PL Marie Claire Bartolo nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti DE permezz ta' digriet datat 27 ta' Novembru, 2019**

**Il-Qorti rat ir-Rikors Guramentat tar-rikorrent ABC** datat 14 ta' Settembru 2017 fejn espona bir-rispett u kkonferma li gej:-

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fil-31 ta' Mejju, 2014, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi esebit bhala Dok. A.

2. Illi l-hajja konjugali giet resa impossibbli minhabba sevizzi, ingurji gravi, theddid, vjolenza morali u abbandun kommessi da parti tal-konvenuta u kif ukoll minhabba inkompatibbilita' ta' karattru.

3. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla u cioe' FGC li llum ghandha 5 snin u nofs u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok.B). Din it-tifla qed titrabba totalment mill-attur stante illi l-konvenuta qabdet u abbandunat iz-zwieg u ma zammet l-ebda kuntatt mal-attur jew ma' bintha.

4. Illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), kopja ta' liema qed jigi anness u mmarkat Dok. C.

   Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

   1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta kif hawn fuq premess.

   2. Tafda lill-attur bil-kura u kustodja tat-tifla minuri tal-kontendenti FGC

   3. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Civili fosthom dawk kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partjiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati lil kull wiehed mill-partijiet bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tielet talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata tal-kuraturi deputati l-Avukat Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u l-PL Marie Claire Bartolo** datat 24 ta' Gunju, 2020 fejn esponew bir-rispett u kkonfermaw li:-

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

**<u>FATTI</u>**

1. L-attur iltaqa' mal-konvenuta DE waqt li kien qieghed btala t-Tajlandia f'April, 2012. Minn hemm bdew johorgu flimkien u f'Dicembru, 2012 kien mar ighix it-Tajlandia. Minn dina r-relazzjoni kienet twieldet it-tifla FGC fl-14 ta' Settembru, 2013.

   Ighid li kienu damu t-Tajlandia sa Marzu, 2014, meta ddecidew li jigu jghixu Malta, izda dan kien ghall-perjodu qasir ghax iddecidew li jmorru lura f'Jannar, 2016, minkejja li kienu zzewwgu hawnhekk bir-registru fil-31 ta' Mejju, 2014. F'Mejju, 2017 gara li l-konvenuta kienet telqitu biex waqghet fil-prostituzzjoni u kienet hallietu t-tifla.

Ighid li ma kellux raguni ghalfejn jibqa' t-Tajlandja u kien gie lura Malta bit-tifla, fejn qed tghinu ommu bit-trobbija taghha.

Bhala assi jghid li ma kellhom xejn. Kellhom biss kont fejn kienu jircievu c-childrens allowance, izda dan illum jikkonferma li jinstab maghluq.

Illum ighid li ghandu kont mal-APS fejn jidhol ic-childrens allowance u minn fejn ihallas xi kontiiet.

L-attur qed jinsisti li jkollu l-kura u kustodja tat-tifla u dan stante li sa llum ma jafx fejn tinstab il-konvenuta.

2. Charmaine Psaila Ragi, in rapprezentanza ta' APS Bank plc. Ikkonfermat li kien hemm kont wiehed f'isem l-attur u kien fih bilanc ta' €4.59 u l-kont ghadu miftuh.[1]

3. Joanne Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li kien hemm erba' kontijiet f'isem l-attur li lkoll jinsabu maghluqin.[2] Kien hemm ukoll kont kongunt bejn il-partijiet li naghlaq ukoll.[3]

**KONSIDERAZZJONIJIET**

---

[1] Ara Dok. CPR 1
[2] Ara Dok. JB 1 – JB 4
[3] Ara Dok. JB 5

L-attur mhux konsapevoli ta' fejn tinstab il-konvenuta peress li kienet telqitu waqt li kienu jghixu t-Tajlandia sabiex waqqghet fil-prostituzzjoni, sa anke halliet lil bintha mieghu.

Jirrizulta car li kien hemm abbandun da parti tal-konvenuta u dan stante li ghaddew sentejn minn meta telqitu f' Mejju, 2017 bla ebda raguni gustifikabbli.

**ABBANDUN**

Illi hawn issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb noe"** (P.A. 22 ta' Frar 1961) fejn din il-Qorti diversament presjeduta sostniet illi:-

***"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr ir-rekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun."***

Fil-kawża **Andrea Avellino vs. Regina Avellino,** insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: ***"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif***

***ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva.***"

**<u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

Bhala assi ma jirrizultax li kien hemm konsistenza fil-komunjoni tal-akkwisti, hlief ghal kont bankarju f'isem l-attur mal-APS Bank plc.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u dan minhabba abbandun da parti tal-konvenuta.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici.

4. Tilqa' r-raba' talba, limitata<u>ment</u> ghal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-kont bankarju f'isem l-attur mal-APS Bank plc. u kwalsiasi assi ohra li ghandhom jigu assenjati lkoll lill-attur.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**